MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 504/2015LM

**Emanuel u Maria Concetta, konjugi Fenech (bil-karta tal-identità numru 793852M u 890551M rispettivament) u Pamela Fenech (bil-karta tal-identità numru 18782M)**

***vs.***

**Dulcinea Estelle Micallef (karta tal-identità numru 40481M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Mejju, 2015 mill-atturi **Emanuel** u **Maria Concetta, konjugi Fenech** (bil-karta tal-identità numru 793852M u 890551M rispettivament) u **Pamela Fenech** (bil-karta tal-identità numru 18782M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Emanuel Fenech stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponenti Emanuel u Maria Concetta, konjugi Fenech huma l-ġenituri waqt li l-esponenti Pamela Fenech hija oħt id-defunt Karl Fenech illi miet fit-13 ta' Diċembru, 2013 (vide ċertifikat tal-mewt hawn anness bħala 'Dok. A') b'konsegwenza tal-ġrieħi estensivi u trawma li huwa sofra meta fid-9 ta' Diċembru, 2013 fi Vjal il-Labour, Naxxar huwa safa mtajjar mill-vettura tal-għamla 'Toyota Vitz' bin-numru ta' reġistrazzjoni DUL-513, li kienet misjuqa mill-intimata Dulcinea Estelle Micallef;*

2. *Illi l-imsemmi Karl Fenech kien ġuvni u miet intestat (vide Riċerki Testamentarji hawn annessi bħala 'Doks. B u C') u għalhekk l-esponenti huma l-eredi tiegħu skont il-liġi;*

3. *Illi l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimata li konsegwentement hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti;*

4. *Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża;*

   *Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

   (i) *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimata Dulcinea Estella Micallef hija unikament responsabbli għall-inċident stradali illi seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2013 fi Vjal il-Labour, Naxxar, illi fih il fuq imsemmi Karl Fenech (illi tiegħu l-esponenti huma l-werrieta skont il-liġi) safa mtajjar mill-vettura tal-għamla 'Toyota Vitz', bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DUL-513' li kienet misjuqa mill-istess intimata, b'riżultat ta' liema inċident l-imsemmi Karl Fenech tilef ħajtu;*

   (ii) *Konsegwentement tiddikjara illi l-intimata Dulcinea Estelle Micallef hija unikament responsabbli għall-mewt tad-defunt Karl Fenech u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-esponenti bħala l-werrieta legali tiegħu;*

   (iii) *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, id-danni kollha sofferti milr-rikorrenti; u*

   (iv) *Tikkundanna lill-intimata Dulcinea Estelle Micallef biex tħallas lir-rikorrenti għad-danni kollha minnhom sofferti f'dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Dulcinea Estelle Micallef** (numru tal-karta tal-identità 40481M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

*1. Illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

*2. Illi l-inċident tat-traffiku in kwistjoni ma seħħx b'tort jew xi nuqqas tal-intimata iżda seħħ unikament tort ta' Karl Fenech;*

*3. Illi għalhekk l-intimata m'għandha tiġi kkundannata tħallas ebda ammont lill-atturi;*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe danni jridu jiġu ppruvati mill-atturi.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi ressqu l-azzjoni odjerna wara li Karl Fenech, bin u ħu l-atturi, safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenuta, liema inċident seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2013, u li wassal biex ftit jiem wara, proprju fit-13 ta' Diċembru, 2013, Karl Fenech tilef ħajtu. Permezz ta' din il-kawża, l-atturi, qua eredi ta' Karl Fenech qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament ħtija tal-konvenuta, kif ukoll biex tillikwida d-danni sofferti minnhom u tordna lill-konvenuta tħallas l-istess.

Min-naħa tagħha l-konvenuta wieġbet li mhix ħatja għall-akkadut, u li kien il-vittma li kien responsabbli għall-inċident stradali li wassal biex jitlef ħajtu.

**Provi u riżultanzi**

L-atturi ppreżentaw kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tal-vittma[1] Karl Fenech, minn fejn jirriżulta li fil-mument tal-mewt tiegħu dan kellu erbgħa u tletin (34) sena. Ġew esebiti wkoll kopji tar-riċerki testamentarji tal-vittma, minn fejn jirriżulta li Karl Fenech miet intestat.[2]

[1] *A fol*. 4 tal-proċess.
[2] *A fol*. 5 u 6 tal-proċess.

L-attur **Emanuel Fenech,** għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[3], fejn qal li ibnu Karl miet fit-13 ta' Diċembru, 2013, konsegwenza tal-ġrieħi li sofra meta safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenuta fl-inċident li seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2013. Ix-xhud qal li huwa awditur u *accountant,* u jmexxi ditta ta' *accountants* u awdituri, fejn jimpjega miegħu għadd ta' persuni. Qal illi ibnu Karl kien wieħed fost żewġ ulied, u li għal dawn l-aħħar snin kien jaħdem miegħu bħala *accounts clerk.* L-attur qal li l-vittma kien ilu hekk impjegat miegħu għal madwar għaxar snin, u li fi tfulitu kien jattendi skola primarja fil-Kulleġġ Santa Monika u sussegwentement għadda minn eżami kompetittiv u mar ikompli l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ Saint Albert. Qal illi ibnu ħadem f'għadd ta' postijiet u ħa taħriġ fil-qasam tal-preparazzjoni tal-ikel, u fost il-postijiet li ħadem fihom kien hemm l-Eden Foundation fejn kien jagħmel xogħol ta' *data-inputting.* L-attur kompla jispjega kif minkejja li hu sid ta' negozju, hu ma xtaqx li wliedu jaħdmu miegħu mill-ewwel, u dejjem ħeġġiġhom isibu impjieg mal-barranin hekk kif daħlu fid-dinja tax-xogħol. Hu kompla jispjega li ibnu kien tifel kwiet u dħuli, u kien popolari ħafna man-nies. Kellu diversi passatempi, fosthom li jarma l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u kien ukoll iħobb joħroġ mal-ħbieb. Fuq kollox iddeskriva kif ibnu kien jgħix ħajja normali, imur ix-xogħol, jgħin lil ommu fil-preparazzjoni tal-ikel, joħroġ mal-ħbieb u jsiefer. Fuq il-post tax-xogħol kien jaħdem ħafna, u kien jagħmel xogħol fl-*accounts* billi jagħmel *postings* ta' *transactions,* iqabbel il-*bank statements,* jimposta t-*trial balances,* iqabbel il-*financial statements,* u li kien jagħmel ukoll xogħol amministrattiv. Qal li n-nuqqas ta' Karl fl-uffiċċju nħass tant li hu kellu jimpjega lil xi ħaddieħor minfloku. L-attur esebixxa kopji tal-FS3s[4] fir-rigward tas-salarju ta' ibnu għas-

[3] *A fol.* 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 *et seq.* tal-proċess.

snin 2010, 2011, 2012 u 2013, u b'riferiment għas-salarju li kien itih, qal li dan kien wieħed li ma jirriflettix is-snin ta' esperjenza li kellu ibnu, iżda hu kien iħoss li ladarba ibnu kien għadu jgħix fid-dar mal-ġenituri tiegħu u ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament fid-dar, hu kellu jagħtih paga li kienet inqas milli tieħu oħtu, li wkoll taħdem ma' missierha, iżda li tgħix għal rasha.

L-attur iddeskriva x'ġara dakinhar tal-inċident billi qal li ibnu Karl kien ħa xi sigħat *leave* sabiex wara x-xogħol jibqa' sejjer jiltaqa' ma' sħabu. Qal illi sabiex imur fil-pjazza tan-Naxxar, ibnu kien iħobb jaqbad tal-linja, xi ħaġa li kien ilu jagħmel regolarment sa minn meta kien għadu tifel. Kompla jgħid li ibnu qatt ma kien involut f'xi inċident tat-traffiku qabel dakinhar li ttajjar mill-konvenuta, u li ibnu kien jgħix ħajja indipendenti. Qal illi meta kien ċempillu ħabib ta' Karl u qallu li ibnu kien ilu ftit li qabad il-karozza tal-linja, hu kien iddeċieda li joħroġ bil-karozza sabiex jara ibnu fejn seta' kien, u hekk kif niżel minn Labour Avenue, fin-Naxxar, kien ra vettura tal-Pulizija u vettura wieqfa bil-*windscreen* imfarrak. Qal li dak il-ħin ibnu kien diġà ttieħed l-Isptar, u li hekk kif hu u l-mara tiegħu daħlu l-Isptar, laqagħhom konsulent li qalilhom li binhom kellu ġrieħi ta' natura gravi tant li medikament ma kien hemm xejn li seta' jsir biex dan jiġi salvat. Hu kompla jgħid li ibnu qatta' erbat ijiem l-ITU f'koma, sakemm miet fit-13 ta' Diċembru, 2013. L-attur qal li ibnu kellu ġrieħi evidenti fil-parti tax-xellug ta' ġismu fejn intlaqat bil-karozza.

Omm il-vittma, l-attriċi **Maria Concetta Fenech** ukoll xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[5], fejn ikkonfermat il-fatti kif iddeskrivihom żewġha. Hija qalet li hi u żewġha għandhom żewġt itfal, li t-tnejn jaħdmu fin-negozju tal-missier. L-omm ikkonfermat li binha Karl kien impjegat f'għadd ta' postijiet oħra qabel

---

[5] *A fol.* 24 tal-proċess.

beda jaħdem ma' missieru, u li dan kellu karattru kwiet iżda dħuli, tant li kellu ħafna ħbieb. Qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, binha kien qabad karozza tal-linja biex imur fil-pjazza tan-Naxxar jiltaqa' ma' xi ħbieb, u li aktar tard filgħaxija kien ċempel wieħed mill-ħbieb ta' Karl u staqsa għalih. Meta l-ġenituri tal-vittma infurmaw lil sieħbu li Karl kien għadu ma rritornax id-dar, sieħbu kien qalilhom li Karl kien ilu ftit li qabad il-karozza tal-linja, u kien hawnhekk li l-missier iddeċieda li jmur ifittxu. L-attriċi qalet li kien ir-raġel tagħha stess li wara li ħareġ ifittex lil Karl, kien infurmaha li lil binhom kienet tajritu karozza u li dan kien ittieħed l-Isptar. Hi kompliet tgħid li minn dak il-ħin 'il quddiem, huma baqgħu l-ħin kollu maġenb binhom li kien f'koma. L-attriċi qalet li l-ġrieħi li kellu binha kienu fuq in-naħa tax-xellug ta' ġismu. L-attriċi kkonfermat dak li xehed żewġha, li binhom kien ilu juża karozza tal-linja sa minn meta kellu tnax-il sena u li qatt ma kellu problemi jew inċidenti, qabel l-inċident mertu tal-kawża.

Oħt il-vittma, l-attriċi **Pamela Fenech**, ukoll xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[6], fejn qalet li ħuha Karl kien jaħdem bħala *accounts clerk* f'kumpannija mmexxija minn missierhom, u ddeskriviet lil ħuha bħala persuna b'interessi varji, u li kellu ħafna ħbieb. Qalet li ħuha kien jaħdem ħafna u jagħti sehmu fuq il-post tax-xogħol b'mod sistematiku u metikoluż, tant li ma kienx faċli għal missierhom li jsib lil xi ħadd li seta' jieħu post Karl wara li dan ġie nieqes. Oħt il-vittma spjegat kif dakinhar tal-inċident ħuha kien telaq ftit kmieni mix-xogħol sabiex imur jiltaqa' ma' sħabu, u li hi saret taf bl-inċident mingħand il-ġenituri tagħha li infurmawha b'li kien ġara. Qalet li hekk kif marret l-Isptar sabet li ħuha kellu ġrieħi konsiderevoli fil-parti xellugija ta' ġismu. Hi qalet

[6] *A fol.* 26 tal-proċess.

ukoll li dakinhar tal-inċident hi kienet għaddiet minn Labour Avenue, fin-Naxxar fi triqitha lejn Ħaż-Żebbuġ, u li setgħet tara l-karozza tal-konvenuta, li kienet għadha fuq il-post, bil-*windscreen* imkisser u bil-ħsara li kellha fil-parti ta' quddiem tal-karozza tagħha, għalkemm sa dak il-ħin kienet għadha ma tafx li ħuha kien safa mtajjar minnha. Qalet li kien biss wara li saret taf li dik kienet l-istess vettura li biha safa mtajjar ħuha.

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2015 xehdet **Dr Elizabeth Quintano**[7], Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali, li esebiet kopja tal-proċess verbal[8] tal-inkjesta maġisterjali li kienet saret wara l-inċident mertu tal-kawża, u li kienet tmexxiet mill-Maġistrat Charmaine Galea.

Fl-istess udjenza xehed l-**Ispettur Elton Taliana**[9], li qal li l-inċident inkwistjoni kien seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2013 għall-ħabta tas-6:30p.m., u li hu kien ġie infurmat bih għall-ħabta tat-7:50p.m. mis-Surġent Antoine Zammit li kien stazzjonat l-Għassa tan-Naxxar. Ix-xhud qal li l-vittma Karl Fenech ittajjar mill-vettura tal-għamla Toyota Vitz misjuqa mill-konvenuta waqt li kien qiegħed jaqsam Labour Avenue, fin-Naxxar, waqt li l-vettura tal-konvenuta kienet qiegħda tinstaq fid-direzzjoni tan-Naxxar. Ix-xhud qal li sakemm wasal hu fuq il-post, il-vittma Karl Fenech kien diġà ttieħed l-Isptar, u li hu seta' jikkonstata li l-vettura tal-konvenuta kellha ħsarat konsiderevoli, kif ukoll li kien hemm diversi rqajja' tad-demm fl-inħawi fejn seħħ l-inċident.[10] Ix-xhud qal li hu kellem lill-konvenuta fuq il-post tal-inċident, li kellha xokk kbir fuqha, u li infurmat lill-Pulizija li waqt li kienet qiegħda ssuq il-vettura fid-direzzjoni lejn

---

[7] *A fol.* 32 tal-proċess.
[8] *A fol.* 34 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 57 *et seq*. tal-proċess.
[10] Fi kliem ix-xhud, "Anke bejn ir-roqgħa tad-demm u l-karozza kien hemm id-demm. Aħna stajna, anke s-surġent qalli għax il-fatt li fejn kien hemm il-*point of impact* fejn intlaqat Karl Fenech, dak bid-daqqa tkaxkar għal ċertu metri, tar u d-demm kien tal-istess vittma li kien l-istess mal-vettura."

in-Naxxar, mingħajr ma rat xejn, hi ħasset impatt mal-karozza. Il-konvenuta kienet infurmat lill-Pulizija li hi lanqas biss indunat x'ġara, tant li laħqet saqet għal ftit, sakemm indunat li kienet tajret lil xi ħadd u waqfet. Ix-xhud ikkonferma li hu kien preżenti għall-awtopsja li saret fuq il-vittma, u li seta' jikkonstata li dan kellu diversi ġrieħi fuq parti waħda ta' ġismu, għalkemm kellu ġrieħi oħra kompatibbli mat-tkaxkira li ħa wara li seħħ l-impatt. Ix-xhud ikkonferma li fit-triq fejn seħħ l-inċident hemm bankina maż-żewġ naħat tat-triq, u li l-irqajja' tad-demm li nstabu ma kinux bogħod mill-bankina. Qal ukoll li kien hemm *debris* mill-vettura mxerred mal-art, fosthom ħġieġ tar-*reflectors,* tal-*indicator,* u li kien hemm sinjali ta' brejkijiet li iżda, ma kinux twal. Ix-xhud qal li meta wasal fuq is-sit tal-inċident kien hemm xi familjari tal-konvenuta fuq il-post, li indikawlu passi fil-ħamrija mal-ġenb tat-triq, għalkemm ix-xhud qal ukoll li baqa' qatt ma ġie stabbilit dawk il-passi ta' min kienu. Dan intqal fid-dawl ta' verżjonijiet konfliġġenti mogħtija lill-Pulizija dwar il-vittma minn fejn kien qiegħed jaqsam it-triq.

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016 reġgħet xehdet **Dr Elizabeth Quintano**[11], li kienet diġà ppreżentat kopja tal-inkjesta maġisterjali li saret, u li esebiet kopja tad-dokumentazzjoni kollha li kien hemm fil-proċess.[12] Flimkien mar-rapport tal-inkjesta maġisterjali, ix-xhud ippreżentat ukoll kopja tal-file mediku tal-vittma.[13]

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016 xehed **Emanuel Fenech**[14], missier il-vittma u l-attur f'din il-kawża, li esebixxa għadd ta' ritratti[15] meħuda minnu waqt li ibnu

[11] *A fol.* 71 tal-proċess.
[12] *A fol.* 74 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 172 sa 412 tal-proċess.
[14] *A fol.* 413 tal-proċess.
[15] *A fol.* 417 tal-proċess.

kien fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar, kif ukoll waqt li kienet qiegħda ssir l-awtopsja fuqu. Ir-ritratti juru l-ġrieħi estensivi li l-vittma sofra fuq in-naħa xellugija ta' ġismu, kif ukoll kopji ta' *X-rays* li ttieħdu waqt li l-vittma kien l-Isptar, u li jindikaw li hu kellu ksur fl-għadam fil-parti tax-xellug ta' ġismu. Ix-xhud ikkonferma li fil-parti tal-lemin ta' ġismu, il-vittma ma kellu l-ebda ksur jew feriti oħra.

Il-Qorti semgħet ukoll diversi xhieda li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-inkjesta maġisterjali li nżammet wara l-inċident mertu tal-kawża. **Dr Mario Scerri**, prodott mill-atturi xehed fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016[16] fejn ikkonferma r-rapport esebit fil-proċess, u kkonferma wkoll li l-ġrieħi li kellu l-vittma kienu kollha fil-parti tax-xellug ta' ġismu. Ix-xhud irrefera għar-ritratti li juru tbenġil u leżjonijiet minħabba l-fatt li kien hemm ksur tal-*proximal tibia fibula.* Marki oħra li jidhru fuq il-ġisem tal-vittma huma kompatibbli ma' marki tat-*tyres* fejn seħħ l-impatt.[17] Ix-xhud kompla jispjega kif l-impatt primarju normalment ikun mal-*bumper* tal-vettura, fejn normalment persuna tintlaqat mill-*pelvis* 'l isfel, filwaqt li l-impatt sekondarju aktarx ikun fir-ras, u jimmanifesta ruħu wara li persuna ttir konsegwenza tal-impatt primarju. Ix-xhud qal li aktar ma l-vettura tkun qiegħda tinstaq b'veloċità għolja, aktar ikun hemm sinjali ta' leżjonijiet fuq il-ġisem, iżda f'dan il-każ dawn kienu kkonċentrati fuq ix-xellug ta' ġismu. Dr Scerri qal ukoll li hemm probabbilità kbira li d-daqqa l-vittma ħadha fuq il-parti tax-xellug ta' ġismu. Ix-xhud qal ukoll li l-vittma kellu feriti f'għajnejh, f'rasu, fil-pulmun u emorroġija fil-moħħ. Hu kompla jispjega hekk:

[16] *A fol.* 430 tal-proċess.
[17] Fi kliem ix-xhud, "Meta għandek persuna miexja fit-triq u kellha impatt b'karozza ħabtet magħha, għandek *primary impact* jiġifieri l-ewwel daqqa li l-persuna taqla' u ġeneralment tkun mill-*pelvis* 'l isfel u din accounted for għax għandna frattura fil-*lower limbs*."

> "Tant kien kbir li kellu *coning* tal-*brain* u meta jkollok *coning* tal-*brain* ma tantx għandek *prognosis* tajjeb .... jiġifieri *diffused brain damage* kellu.
>
> ...
>
> Hu kellu *haematoma* madwar l-għajn ix-xellugija, jiġifieri meta tarah hekk il-mekkaniżmu iktar tikkonferma li d-daqqa fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, il-karozza tibqa' ġejja bil-*momentum* u saqajh wara li jaqla' d-daqqa jogħlew, jiġi f'din id-*direzzjoni u n-naħa tax-xellug taħbat mas-secondary target ngħidulu aħna. Jew mal-windscreen* jew mas-saqaf tal-karozza, jidher li fuq il-left kien ix-xogħol."

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016 ġiet riprodotta **Dr Elizabeth Quintano**[18], li esebiet żewġ CDs b'filmati elevati mill-karozzi tal-linja li telqu min-Naxxar fil-mumenti ta' qabel seħħ l-inċident inkwistjoni.

Fl-istess udjenza xehed il-**perit Richard Aquilina**[19] li kien inkarigat mill-Maġistrat li ordnat l-inkjesta sabiex iħejji pjanti tal-post u jindika dak kollu li hu deherlu li kien rilevanti għall-każ. Ix-xhud ikkonferma li hu kien mar fuq il-post ftit wara l-inċident, fejn seta' jikkonstata l-pożizzjoni tal-vettura tal-konvenuta, in-nuċċali tal-vittma fejn instab, irqajja' tad-demm, kif ukoll ħa nota tal-ħsarat li seta' jara fuq il-vettura tal-konvenuta. Ix-xhud qal li r-roqgħa tad-demm kienet qrib ferm tal-bankina, u li bejn il-vettura u d-demm kien hemm distanza ta' madwar tliet metri. Ix-xhud qal ukoll li hu ma sabx traċċi ta' marki tal-brejkijiet fl-art.

Fl-istess udjenza xehed **PS 1184 Patrick Grech**, li kien tqabbad mill-Maġistrat sabiex jieħu ritratti tal-post tal-inċident.[20] Ix-xhud qal li hu ħa r-ritratti esebiti mingħajr *flash* u *b'long exposure* sabiex it-triq tiġi tidher fl-aktar stat reali

[18] *A fol.* 435 tal-proċess.
[19] *A fol.* 438 tal-proċess.
[20] Kopja tar-rapport redatt minnu u r-ritratti meħuda minnu jinsabu *a fol.* 442 *et seq.* tal-proċess.

tagħha, bid-dawl tat-triq kif inhu. Qal ukoll li l-konvenuta fl-ebda ħin ma indikatlu x'ritratti kellu jieħu.

Fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2016, xehed il-**PL Mario Buttigieg**[21], li kien ġie nominat bħala espert fl-inkjesta maġisterjali, u li qal li hu kkwalifikat bħala *forensic collision analyst.* Ix-xhud qal li hu kien ilu jagħmel dan ix-xogħol għal ħdax-il sena, u li f'dan il-każ speċifiku kien ingħata l-inkarigu li jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident u jieħu x-xhieda ta' min kien involut f'din il-ħabta, u sabiex jikkonstata l-ħsarat fil-vettura. Ix-xhud qal ukoll li meta hu wasal fuq is-sit, il-vittma kien diġà ttieħed l-Isptar, għalkemm seta' jistabbilixxi li meta ttajjar, il-vittma spiċċa taħt il-bankina. Ix-xhud ikkonferma li fit-triq fejn seħħ l-inċident hemm *bus stop* u li l-vettura misjuqa mill-konvenuta waqfet ferm iżjed 'il fuq mill-*bus stop* li hemm fit-triq. Lix-xhud inġibditlu l-attenzjoni li kien hemm żewġ verżjonijiet dwar minn fejn seta' qasam il-vittma, bil-konvenuta tallega li l-vittma kien qasam mix-xellug għal-lemin, filwaqt li kien hemm min qal li l-vittma qasam mil-lemin għax-xellug. Ix-xhud qal li hu uża dik li tissejjah *searle equation* sabiex seta' jistabbilixxi l-*velocity calculation at impact.* Spjega kif il-vittma kien spiċċa taħt il-bankina, u li mid-distanza kkalkulata stabbilixxa li kien tar 6.75 metri. Minn hemmhekk hu seta' joħroġ il-veloċità li kienet qiegħda tinstaq biha l-vettura tal-konvenuta.[22] Hu qal li minn dak li stabbilixxa, ikkonkluda li l-vittma kien qasam mill-parti tat-triq li tħares lejn is-*showroom* tal-Mercedes, u kien qiegħed jaqsam mix-xellug għal-lemin.

---

[21] *A fol.* 476 tal-proċess.

[22] Għalkemm ma ssemmietx waqt ix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti, mir-rapport tal-inkjesta maġisterjali jirriżulta li x-xhud kien stabbilixxa li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'veloċità ta' sebgħa u tletin (37) kilometru fis-siegħa.

Xhud ieħor li kellu rwol fl-inkjesta maġisterjali li segwiet l-inċident mertu tal-kawża, kien is-**Surġent 1270 Antoine Zammit**[23], li qal li dakinhar tal-inċident kien xogħol fl-Għassa tan-Naxxar, fejn għall-ħabta tas-6:30p.m. il-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ dan l-inċident. Hu qal li kif wasal fuq is-sit seta' jikkonstata li l-vettura tal-konvenuta kellha daqqa kbira fuq quddiem, u li l-vittma, li dak il-ħin kien diġà qiegħed jiġi assistit mill-paramediċi, kien mimli demm. Hu qal li dak il-ħin irnexxielu jkellem lill-konvenuta, li minkejja li kienet taħt xokk qaltlu li kulma taf hu li rat massa taqa' fuq il-karozza tagħha, u waqfet mingħajr ma kienet taf eżattament x'ġara. Ix-xhud qal li l-aktar ħaġa importanti għalih dak il-ħin kienet li jippreserva x-xena tal-inċident.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2016 xehed l-attur **Emanuel Fenech**[24], li esebixxa pjanti tas-sit fejn seħħ l-inċident[25], sabiex jindika fejn tinsab il-*bus stop* u fejn tinsab id-dar tar-residenza tal-ġenituri tal-vittma.

L-atturi esebew ukoll kopja tal-affidavit ta' **Marceline Camilleri**[26], li kienet kollega tal-vittma, u li qalet li hija impjegata mad-ditta ta' *accountants* u awdituri mmexxija mill-attur, missier il-vittma. Din ix-xhud ikkonfermat li l-vittma kien ilu jaħdem bħala *accounts clerk* għal madwar għaxar snin qabel seħħ l-inċident, u li fuq il-post tax-xogħol dan kien jaħdem ħafna, tant li ddeskrivietu bħala *a hard worker.* Din ix-xhud ikkonfermat li x-xogħol tal-vittma kien jinvolvi l-*postings* kollha tat-*transactions* fl-*accounting system* tal-uffiċċju, l-impustar tat-tranżazzjonijiet tal-flus kontanti u tal-bank fis-sistema tal-kumpannija, u t-tqabbil mal-*bank statements.* Hi kompliet tgħid li l-vittma kien tajjeb ħafna f'xogħlu, tant li kien jaf il-*codes* tal-klijenti bl-amment, u dan

[23] *A fol.* 491 tal-proċess.
[24] *A fol.* 508 tal-proċess.
[25] *A fol.* 511 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 516 tal-proċess.

kien jgħinu biex jagħmel ix-xogħol sew. Qalet ukoll li l-vittma kien jgħin lil oħtu Pamela u lill-kollega oħra tal-uffiċċju, ċerta Lyndsay Axiaq, u li minbarra xogħol ta' *accounting* il-vittma kien jagħmel xogħol amministrattiv fl-uffiċċju. Ix-xhud ikkonkludiet li t-telfa ta' Karl inħasset ħafna fuq il-post tax-xogħol tiegħu, mhux biss minħabba l-karattru ferrieħi li dan kellu, iżda wkoll minħabba li ċertu xogħol li kien jagħmel hu issa ma hemmx min jagħmlu.

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2016, xehed **Dr Sarfraz Ali**[27], li kien ġie inkarigat mill-maġistrat inkwirenti biex jagħmel l-awtopsja fuq il-vittma Karl Fenech. Ix-xhud ikkonferma li l-vittma kien miet kawża ta' emorraġija fil-moħħ li kkaġunat *brain death,* u kkonstata wkoll li l-vittma kellu ksur f'partijiet ta' siequ x-xellugija u fid-driegħ tax-xellug.

Fl-istess udjenza xehdet il-konvenuta, **Dulcinea Estelle Micallef**[28], li qalet li fil-mument tal-inċident, hi kienet waħedha fil-vettura tagħha. Hi kkonfermat li anki fuq is-seat ta' wara tal-vettura ma kellha lil ħadd.

L-atturi esebew kopji ta' *affidavits* mogħtija minn Mario Delicata u Moira Delicata, li fil-ħin tal-inċident inzertaw għaddejjin mill-inħawi. **Mario Delicata**[29] qal li hu kien nieżel min-niżla li hemm parallela ma' Labour Avenue, in-Naxxar, minn Triq l-Emigranti, fid-direzzjoni lejn Ħal Lija, meta l-mara tiegħu ġibditlu l-attenzjoni li fit-triq kien hemm mara twerżaq u tgħajjat. Qal li hu kkwalifikat fil-*first aid* u kien għalhekk li l-mara tiegħu ġibditlu l-attenzjoni sabiex jara jekk setax joffri xi għajnuna. Fil-fatt ix-xhud qal li hu dawwar il-vettura tiegħu u mar fid-direzzjoni fejn kien hemm il-vettura tal-konvenuta wieqfa fit-triq. Ix-xhud

[27] *A fol.* 521 tal-proċess.
[28] *A fol.* 523 tal-proċess.
[29] *A fol.* 527 tal-proċess.

qal li kif niżel mill-vettura tiegħu induna li l-konvenuta kienet tinsab fi stat ta' paniku u xokk tant li l-mara tiegħu bdiet tipprova tikkalmaha, filwaqt li hu mar jassisti lill-persuna li kien hemm mal-art. Ix-xhud qal li mad-daqqa t'għajn seta' jistabbilixxi li l-vittma ma kienx ħabat rasu mal-bankina, iżda li kellu d-demm ħiereġ minn taħt wiċċu. Il-vittma kien jidher li qiegħed jieħu n-nifs ukoll, u għalhekk iddeċieda li ma jċaqalqux, u minflok ċempel għall-ambulanza. Ix-xhud qal li f'dawk il-mumenti ta' wara l-inċident, bdew jinġabru diversi persuni fuq il-post, kemm sewwieqa tal-karozzi kif ukoll persuni li joqogħdu fid-djar fil-viċinanzi. Huwa qal li ma jeskludix li wħud minnhom għaddew mill-għalqa fejn ġie kkonstatat li kien hemm xi passi. Hu qal li hekk kif waslet l-ambulanza u l-paramediċi fuq il-post, hu ħalla f'idejhom, għalkemm tahom rendikont ta' x'kien ra u tal-fatt li l-vittma baqa' *unresponsive* u *unconscious,* għalkemm kien qiegħed jieħu n-nifs b'mod normali.

Fl-*affidavit* tagħha **Moira Delicata**[30] qalet li dakinhar tal-inċident hija kienet riekba fil-vettura misjuqa minn żewġha meta rat mara li kienet tidher li qiegħda tippanikkja f'nofs it-triq prinċipali. Qalet li dak il-ħin indunat li kien ġara xi ħaġa, u kien għalhekk li talbet lil żewġha jsuq fuq in-naħa l-oħra tat-triq bil-karozza biex jaraw x'kien ġara. Ix-xhud qalet li l-vittma kien taħt il-bankina bid-demm ħiereġ minn taħt rasu, u li dak il-ħin kien qiegħed iħarħar u li kien mitluf minn sensih. Ix-xhud qalet li l-konvenuta li kienet fi stat ta' paniku, riedet iċċempel lir-raġel tagħha biex tgħidlu x'ġara, u li hi kienet tatha l-*mobile* tagħha biex setgħet iċċempel. Qalet ukoll li r-raġel tal-konvenuta wasal fuq is-sit tal-inċident qabel l-ambulanza.

[30] *A fol.* 529 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Marcelline Camilleri**[31], li qalet li hi kienet ilha impjegata ma' missier il-vittma għal tnejn u għoxrin sena u li hi kienet taf li l-vittma kien imur id-dar wara x-xogħol bil-karozza tal-linja, u li filgħodu ġieli mar ix-xogħol ma' missieru u ġieli mar b'tal-linja. Ix-xhud qalet li l-vittma ma kienx isuq. Mistoqsija mid-difensur tal-konvenuta jekk kinitx taf il-vittma kellux xi problemi mediċi, bħal jekk kienx ibati minn epilessija, ix-xhud wieġbet li ma kinitx taf, u li l-vittma qatt ma kien tkellem magħha dwar xi problema medika li seta' kellu.

Fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017 xehed in kontroeżami l-**PL Mario Buttigieg**[32], li ġie muri *aerial view* ta' fejn seħħ l-inċident[33], sabiex jimmarka fuqu fejn kien seħħ l-impatt. Ix-xhud qal li fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident m'hemm l-ebda sinjali li jindikaw li wieħed jista' jaqsam it-triq minn dik il-parti. Ix-xhud qal li hemm *zebra crossing* iżda din qiegħda f'distanza ta' madwar ħames mitt metru minn fejn seħħ l-inċident. Qal ukoll li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda traffikuża, u li fil-ħin tal-inċident kien diġà beda jidlam. Ix-xhud qal li hu kien eżamina l-*footage* tas-CCTV li ġie elevat minn fuq il-karozzi tal-linja, u li minn dak li ra hu, il-vittma ma kienx riekeb almenu fi tnejn minn tliet karozzi tal-linja li telqu mill-pjazza tan-Naxxar fil-mumenti ta' qabel l-inċident. Hu qal ukoll li t-tielet karozza tal-linja li telqet ma kinitx mgħammra b'sistema tas-CCTV, u għalhekk ma setax jiddetermina b'ċertezza jekk il-vittma kienx riekeb fuqha jew le. Ix-xhud qal li hu seta' jikkonstata li l-vittma kien ġej min-naħa tal-lemin tat-triq, u qal ukoll li f'dik il-parti tat-triq m'hemmx sinjali biex wieħed inaqqas il-veloċità, u li l-*ispeed limit* f'dik il-parti tat-triq hu ta' madwar sittin

[31] *A fol.* 535 tal-proċess.
[32] *A fol.* 543 tal-proċess.
[33] *A fol.* 541 tal-proċess.

kilometru fis-siegħa. Ix-xhud qal li lilu ma jirriżultalux li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'veloċità eċċessiva jew li qabżet il-limitu impost għal dik il-parti tat-triq. Ix-xhud qal li l-ġrieħi li sofra l-vittma kienu fuq il-parti tax-xellug ta' ġismu, filwaqt li anki l-ħsarat fil-vettura tal-konvenuta, kienu fuq il-parti tax-xellug tagħha. Fi kliem ix-xhud:

> "Hu li għandu mill-ġisem li għandek fuq il-bonit għax meta hu tela' fuq il-bonit u anke r-ras straħet mal-*windscreen,* jiġifieri minn hemmhekk l-aktar li ħa l-impatt għax hu kif diġà għidt qabel, kien bniedem tqil."

Ix-xhud qal li jista' jkun li fil-ħamrija fil-parti tax-xellug tat-triq kien hemm ħafna passi, minħabba fl-ammont kbir ta' persuni li nġabru fil-post. Ix-xhud ikkonferma li sabiex stabbilixxa kemm kienet il-veloċità tal-vettura misjuqa mill-konvenuta fil-ħin tal-inċident, hu ħa konsiderazzjoni tad-distanza li tar il-vittma minn fejn intlaqat sa fejn instab id-demm. Id-difensur tal-atturi ġibed l-attenzjoni tax-xhud għall-fatt li bejn il-post fejn instab in-nuċċali tal-vittma fl-art, u l-post li fih instabet wieqfa l-vettura tal-konvenuta hemm distanza ta' aktar minn sittax (16)-il metru, u li jekk wieħed juża l-istess formula biex jagħmel kalkolu tal-veloċità li kienet għaddejja biha l-konvenuta, jasal għal veloċità ferm ogħla minn dik stabbilita mix-xhud. Ix-xhud madanakollu qal li anki mill-*point of impact* li kien hemm mal-vettura tal-konvenuta, jirriżulta li l-kalkolu inizjali tiegħu tal-veloċità li hija kienet qiegħda ssuq biha kien korrett u dan minħabba li kieku kienet qiegħda ssuq b'veloċità ogħla, id-daqqa kienet tkun ferm aktar 'il fuq, x'aktarx bejn il-*windscreen* u s-saqaf tal-vettura. Ix-xhud spjega wkoll li ma jkunx korrett li tintuża *searle equation* sabiex wieħed jiddetermina l-veloċità li kienet għaddejja biha l-konvenuta:

> "Ma jistax ikun li b'serial intrema dik id-distanza kollha. Jien imbagħad irrid nuża *calculations* oħra, irrid nagħmel *road test,* niddetermina l-*coefficient of friction,* imbagħad minn hemmhekk noħroġ kemm attwalment il-karozza mxiet. Hekk tista' toħroġ il-*calculations.* Is-*searle* huwa biss għall-*projection* tal-persuna mhux kemm tittrevilja l-karozza. Dik hija *calculation* totalment differenti."

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017, xehed **Mario Zarb**[34] prodott mill-konvenuta, li qal li sa ftit ħin qabel l-inċident hu kien fil-kumpanija tal-vittma, li kien ħabib tiegħu. Qal ukoll li meta telqu lil xulxin, il-vittma kien ċempillu sabiex jinfurmah li kien tela' fuq il-karozza tal-linja. Mistoqsi kienx jaf jekk il-vittma kellux xi problemi mediċi, ix-xhud wieġeb li ma kienx jaf.

Fl-istess udjenza xehed **Dr Sarfraz Ali**[35], li ġie mistoqsi dwar dak li hu kiteb fir-rapport tal-awtopsja mħejji minnu, partikolarment dwar il-konklużjoni tiegħu li *"the death of this young man is certified [as] being due to anoxia caused by an epileptic fit",* li ġiet ingassata minnu stess u fuqha kiteb li l-kawża tal-mewt kien l-inċident tat-traffiku. Ix-xhud qal li l-*anoxia* m'għandha x'taqsam xejn mal-kundizzjoni tal-epilessija, u li dak kien żball ġenwin min-naħa tiegħu.

Xehed ukoll il-**PS 1270 Antoine Zammit**[36], li kien stazzjonat l-Għassa tan-Naxxar dakinhar tal-inċident, u li kkonferma li hekk kif il-Pulizija waslu fuq il-post tal-inċident, il-vittma kien jinsab bejn il-vettura tal-konvenuta u l-bankina, u li dak il-ħin hu kien qiegħed jiġi assistit mill-paramediċi.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Moira Delicata**[37], li kkonfermat li hekk kif niżlet mill-vettura li kien qiegħed isuq żewġha u resqet biex tagħti l-ewwel

[34] *A fol.* 561 tal-proċess
[35] *A fol.* 566 tal-proċess.
[36] *A fol.* 574 tal-proċess.
[37] *A fol.* 575 tal-proċess.

għajnuna, il-vittma kien qiegħed quddiem il-karozza, f'distanza ta' madwar metru u nofs bogħod minnha. Xehed ukoll **Mario Delicata**[38], li ikkonferma li bejn il-vittma u l-vettura tal-konvenuta kien hemm distanza li ma kinitx waħda konsiderevoli, iżda li minnha tista' tgħaddi karozza, u kien għalhekk li hu waqaf quddiem fejn kien hemm il-vittma sabiex jassigura li ħadd ma jgħaddi minn dik il-parti tat-triq.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017, xehdet **Hertha Trapani**[39] prodotta mill-konvenuta, li qalet li l-konvenuta hi l-mara ta' ħuha. Ix-xhud qalet li lill-vittma tal-inċident hi kienet tafu minħabba li hi kienet tikkoordina programm fl-Eden Foundation, li kien *bridging the gap scheme* li toffri taħriġ għal persuni li jixtiequ jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Hi qalet li dan il-programm kienu eliġibbli għalih klijenti tal-Eden Foundation, u qalet li hi tiftakar li l-vittma kellu diżabilità intellettwali li minħabba fiha kien jattendi għal dan il-programm. Ix-xhud qalet li hi lill-vittma kienet tafu biss bis-saħħa tal-fatt li hi kienet koordinatur ta' programm fl-Eden Foundation. Hi qalet li dan il-programm kien intiż biex joffri taħriġ lill-persuni li jattendu għalih sabiex dawn ikollhom *independence skills* li jistgħu jkunu utili għalihom meta jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Ix-xhud qalet li sa fejn setgħet tiftakar hi, minkejja li l-vittma kien imur l-Eden Foundation bil-karozza tal-linja min-Naxxar, dan qatt ma kellu inċidenti. Hi qalet ukoll li sakemm hi damet tikkoordina l-programm, qatt ma kien hemm episodji li fihom persuni ġew riferuti għal programmi differenti minn dak li kienet tikkoordina hi minħabba li ma kinux kisbu l-livell ta' indipendenza li dak il-programm kien intiż li joffri. Ix-xhud qalet li l-vittma kien għamel xi żmien jaħdem il-Middlesea Insurance, u li hi qatt ma kellha xi rapport negattiv dwaru

[38] *A fol.* 576 tal-proċess.
[39] *A fol.* 585 tal-proċess.

jew dwar il-komportament tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qalet li hi ġieli tkellmet mal-ġenituri tal-vittma qabel dan daħal jagħmel il-programm tal-Eden Foundation.

Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017 xehed il-**perit Richard Aquilina**[40], li qal li hu kien wasal fuq il-post tal-inċident għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija, u kkonferma li t-triq li seħħ l-inċident fiha hija triq prinċipali li minnha jgħaddu ħafna karozzi. Qal ukoll li fil-viċinanzi immedjati ta' fejn seħħ l-inċident la hemm *traffic lights* u lanqas *zebra crossing.* Ix-xhud ikkonferma li l-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-konvenuta kienet tinkludi daqqa fuq quddiem, bonit mgħattan fuq in-naħa tax-xellug, qsim fil-*bumper*, *windscreen* mifqugħ u *cover* tal-mera tax-xellug maqsum. Ix-xhud ikkonferma li d-distanza bejn fejn instab in-nuċċali tal-vittma u l-post fejn kien il-vittma, fejn instabu l-aktar marki tad-demm, hi ta' tmintax-il metru.

Il-konvenuta **Dulcinea Estelle Micallef** xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[41], fejn qalet li l-vettura li kienet qiegħda ssuq dakinhar tal-inċident hi tal-għamla Toyota Vitz b'magna 10 petrol. Il-konvenuta qalet li fil-ħin tal-inċident hi kienet waħedha fil-vettura tagħha, u li dak il-ħin hi kienet qiegħda tirritorna d-dar tagħha fin-Naxxar. Il-ħin kien għall-ħabta tas-6:30p.m. meta kien diġà dalam. Il-konvenuta qalet li dak il-ħin tal-inċident ma kinitx miexja b'veloċità qawwija, u li l-vettura tagħha għandha magna żgħira, lanqas li kieku trid ma tista' ssuq b'ċerta veloċità. Fi kliem il-konvenuta:

> "Hekk kif kont qbiżt il-'bus stop' li kienet tinsab fuq in-naħa tax-xellug tiegħi u tlajt ftit aktar 'il fuq fit-triq, minn taħt il-għajn, fuq in-naħa tax-xellug nara bħal dell kbir jew massa sewda. Eżatt mument wara nħoss impatt kbir mal-vettura

[40] *A fol.* 598 tal-proċess.
[41] *A fol.* 605 tal-proċess.

> fuq in-naħa tax-xellug. Dak il-ħin stħajjilt li waqa' xi ħaġa mis-sema fuqi, iżda b'qatgħa kbira, fuq il-'windscreen' tal-vettura nara bniedem u bdejt inwerżaq. Kien qisu waqa' xi ħadd fuq il-karozza. Infatti, nikkonferma dak li kont għidt lill-Pulizija meta ġew fuq il-post tal-inċident illi, 'f'daqqa waħda nara bħal massa taqbeż fuq il-karozza u waqaft.'"

Il-konvenuta kompliet tgħid li hi niżlet mill-vettura tagħha sabiex tara x'kien ġara, u kien dak il-ħin li lemħet lill-vittma mal-art bejn il-vettura tagħha u l-bankina. Il-konvenuta qalet li dak il-ħin hi kienet taħt xokk kbir minħabba li fl-ebda ħin ma kienet rat lil ħadd jaqsam it-triq, u li bdiet tgħajjat għall-għajnuna. Kien f'dak il-ħin li fuq il-post waslu l-koppja Delicata li marru jaraw x'għajnuna jista' jagħtu lill-vittma u x'għajnuna kellha bżonn hi. Qalet ukoll li ċemplet lir-raġel tagħha bil-*mobile* tas-Sinjura Delicata minħabba li hi ma kellhiex *charge* fil-mobile tagħha, u li dan mar fuq il-post tal-inċident bit-tfal tal-koppja. Qalet ukoll li hi kienet fi stat ħażin tant li kellha tittieħed il-*polyclinic* sabiex tingħata assistenza medika.

Il-konvenuta qalet li dan l-inċident lilha affettwaha ħażin tant li sal-lum għadha tevita li ssuq. Hi qalet ukoll li konsegwenza ta' dan l-inċident hi kellha bżonn għajnuna psikjatrika. Il-konvenuta esebiet ukoll żewġ ritratti li jindikaw il-ħsara li hi kellha fuq il-vettura tagħha wara l-inċident, kif ukoll il-kundizzjoni tad-dawl fit-triq inkwistjoni.[42]

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018, xehed ir-raġel tal-konvenuta, **Chris Micallef**[43], li qal li r-ritratti esebiti minnha kien ħadhom hu stess dakinhar tal-inċident.

---

[42] *A fol.* 607 tal-proċess.
[43] *A fol.* 608 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Nicholas Baldacchino**[44], rappreżentant ta' Transport Malta, li esebixxa kopja tal-pjanta tal-post fejn seħħ l-inċident, li tindika fejn kien hemm *zebra crossing* fil-passat u fejn tpoġġiet *zebra crossing* fl-2015. Qal li fis-sena li fiha seħħ l-inċident, fl-2013, kulma kien hemm kienet *zebra crossing* qrib ir-*roundabout.* Ix-xhud indika wkoll fejn huma l-*bus stops* li hemm fl-akkwati fuq il-pjanta esebita minnu.[45]

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018 xehed ukoll **Robert Mercieca**[46], li kkonferma li kien hu li għamel is-*survey* fuq il-vettura tal-konvenuta. Ix-xhud ikkonstata li l-ħsarat li kellha l-vettura tal-konvenuta kienu fuq il-parti tax-xellug tal-vettura.

Ix-xhud **Nicholas Baldacchino** reġa' xehed fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018[47] u kkonferma d-distanzi bejn iz-*zebra crossings* u l-*bus stop* li hemm fit-triq fejn seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018, sar il-kontroeżami tal-konvenuta[48], li qalet li l-għada tal-inċident hi kienet tat stqarrija lill-espert tal-Qorti il-PL Mario Buttigieg, u li sal-ħin li fih tat l-istqarrija hi ma kienet għadha kkonsultat mal-ebda avukat. Il-konvenuta qalet li l-veloċità li kienet għaddejja biha kienet ta' madwar erbgħin kilometru fis-siegħa, u li hekk kif ħasset id-daqqa mal-vettura hi waqfet.

[44] *A fol.* 609 tal-proċess.
[45] *A fol.* 611 tal-proċess.
[46] *A fol.* 612 tal-proċess.
[47] *A fol.* 624 tal-proċess.
[48] *A fol.* 628 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-evidenza ppreżentata mill-partijiet f'din il-kawża sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenuta hemmx responsabbilità x'tinġarr għad-danni sofferti mill-atturi. Tqis illi mill-provi jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li l-konvenuta kienet qiegħda tirritorna lura lejn darha fin-Naxxar wara li kienet telqet mid-dar t'ommha. Tqis ukoll li ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-konvenuta tajret il-vittma waqt li dan kien qiegħed jaqsam it-triq min-naħa tal-lemin għan-naħa tax-xellug jekk tħares lejn iċ-ċentru tan-Naxxar, meta l-vittma kien fi triqtu lura d-dar fejn kien jgħix mal-ġenituri tiegħu. Il-Qorti tinsab moralment konvinta, fuq l-iskorta tal-provi li semgħet kif ukoll a bażi tal-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti appuntati sabiex jassistu fl-inkjesta maġisterjali, li l-konvenuta ma kinitx qiegħda ssuq b'veloċità qawwija, jew ossia b'veloċità li teċċedi l-limiti stabbiliti għal dik it-triq partikolari li hija triq prinċipali minn fejn ta' kuljum jgħaddu eluf ta' vetturi. Madanakollu l-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża kienu tali li persuna tilef ħajtu kawża tal-ġrieħi li sofra meta safa imtajjar mill-vettura misjuqa minnha. Mill-provi jirriżulta ppruvat b'mod ampju li l-vittma kien qiegħed jaqsam it-triq wara li niżel minn tal-linja, u li hekk kif kien kważi qabad il-bankina max-xellug tat-triq, dan safa mtajjar mill-konvenuta li għal xi raġuni naqset li tuża l-*proper lookout* tant neċessarju sabiex wieħed jevita li jkun hemm dawn it-tip ta' inċidenti stradali. L-obbligu li sewwieq iżomm *proper lookout* ingħata tifsira f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[49], intqal illi:

[49] 17.06.1961.

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija spiss iċċitata mill-Qrati lokali fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[50] l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

F'deċiżjoni oħra tal-Qrati tagħna fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**,[51] intqal illi:

> "Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens *ta' nuqqas ta'* 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[52], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali sabiex ikkonkludiet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għalih is-sewwieq:

[50] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).
[51] Appelli Kriminali (Inf.) 21.05.1960.
[52] P.A., 01.03.2001.

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri vs R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea vs Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace vs C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt vs M. Shephard,** App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Huwa ċar li l-konvenuta naqset milli tosserva regola importanti fis-sewqan, dik li jkollha għarfien tajjeb ħafna ta' x'inhu jiġri fl-inħawi immedjati tagħha, tant li ddeskriviet il-mument li fih indunat li seħħ impatt bħala wieħed li fih ħasbet li waqgħet massa fuq il-vettura tagħha 'mis-sema', u li hi ma kinitx rat lill-vittma jaqsam min-naħa opposta tat-triq. Veru li dakinhar li seħħ l-inċident kien laħaq daħal Diċembru u kien laħaq dalam, però mid-diversi ritratti esebiti fil-proċess[53] jirriżulta li t-triq hi waħda pjuttost imdawla, u li fiha ma kien hemm xejn li kellu jxekkel il-vista tal-konvenuta. Barra minn hekk irid jiġi kkunsidrat ukoll li mill-assjem tal-provi li jinsabu in atti, jirriżulta sal-grad probatorju rikjest mil-liġi li l-vittma Karl Fenech fil-mument li ġie mtajjar mill-konvenuta bin-naħa ta' quddiem tax-xellug tal-vettura tagħha u ġie ferut gravament fuq in-naħa tax-xellug ta' persuntu, kien diġà laħaq qasama madwar tliet kwarti tat-triq u kien kważi qabad il-bankina max-xellug tat-triq. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-vittma ġie mtajjar mill-konvenuta minħabba li din ma kellhiex *a proper lookout* ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri madwarha u li għal xi raġuni ma eżerċitax dik il-prudenza ordinarja mistennija minn kull sewwieq,

[53] Esebiti *a fol.* 103 u *a fol.* 444 *et seq.* tal-proċess.

tant li ma ntebħitx li kien hemm persuna qiegħed jaqsam it-triq. Li kieku l-konvenuta tabilħaqq żammet *a proper look out* biex tkun taf eżattament x'kien qiegħed jiġri madwara hija u ssuq il-vettura tagħha, kienet tirrealizza li Karl Fenech kien diġà qasam tliet kwarti tat-triq u kienet tkun f'qagħda li tieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex tevita milli ttajru.

Il-Qorti hawnhekk tqis li għandha tagħmel parentesi minħabba fl-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet li saru min-naħa tal-konvenuta dwar l-istat ta' saħħa tal-vittma qabel seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Mir-rapport tal-patologu maħtur fl-inkjesta maġisterjali u minn dak li xehed Dr Sarfraz Ali f'dawn il-proċeduri, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-vittma Karl Fenech miet minħabba fil-ġrieħi li sofra konsegwenza tal-inċident u għall-ebda raġuni oħra. Mill-assjem tal-provi prodotti quddiemha, il-Qorti tinsab konvinta li minkejja kull diffikultà jew problema ta' saħħa li seta' kellu l-vittma f'ħajtu, dan kien indipendenti biżżejjed biex imur ix-xogħol, jivvjaġġa b'mod indipendenti, ikollu ħajja soċjali u jsiefer. Jinħass ċar mill-mod kif xehdu l-atturi u kollega tax-xogħol tal-vittma, li l-vittma kien persuna li għeleb l-ostakli li offrietlu l-ħajja biex irnexxielu jgħix bl-aktar mod indipendenti possibbli. Huwa ta' għajb li wara inċident fatali bħal dan li kellu, il-konvenuta permezz tax-xhieda tal-familjari tagħha Hertha Trapani, li nieqsa minn kull sens ta' etika professjonali żvelat informazzjoni li kienet koperta bil-kunfidenzjalità, ipprovat tiggranfa mal-fatt li Karl Micallef żmien ilu kien ħa taħriġ ipprovdut mill-Eden Foundation, sabiex tipprova timputa xi grad ta' ħtija fuqu, meta mill-provi assolutament ma jirriżultax li dan kien il-każ.

Wara li ġiet stabbilita r-responsabbilità tal-konvenuta għall-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'din il-

kawża. F'dan il-każ partikolari ma jirriżultax li l-atturi għandhom pretensjoni għal danni materjali (*damnum emergens*), iżda qegħdin jitolbu li l-Qorti tillikwida *lucrum cessans* kif ukoll id-danni morali abbażi tal-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[54], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kundizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali. F'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**, il-Qorti qalet hekk:

---

[54] P.A. 27.02.2005

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard,** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' settembru, 1967. F'dik il-kawża ntqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-*chances and changes of life,* b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawnhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in kunsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-vittma miet fl-età ta' erbgħa u tletin (34) sena u għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti, il-*multiplier* adottat ser ikun ta' 25, u dan sabiex il-Qorti kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li ngħataw diġà, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi. Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 25 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-persuna li tilfet ħajjitha fl-età ta' 34 sena, f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età ta' Karl Fenech hu mistenni jaħdem almenu sal-età ta' 65 sena biex jilħaq l-età tal-irtirar.

Il-ħsieb ta' din il-Qorti rigward ċirkostanzi simili għal dawk tal-kawża odjerna, ġie espress f'sentenza pjuttost riċenti li tat fl-ismijiet **Rose Celik et *vs.* Keith Caruana et**[55], li l-Qorti qiegħda tiċċita estensivament minnha.

Jirriżulta li s-salarju bażiku li kellu l-vittma fis-sena 2013[56], kien fl-ammont nett ta' €12,652. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat sabiex tittieħed konsiderazzjoni tal-effett tal-inflazzjoni għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti[57], u dan abbażi tar-rata tal-inflazzjoni, li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 0.96% fis-sena.[58] Dan ifisser li fuq medda ta' 25 sena, il-paga medja ta' Karl Fenech kienet mistennija li tiżdied għal €15,688.48. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu, €12,562 + €15,688.48 / 2, is-salarju medju ta' Karl Fenech kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €14,170.24.

F'każ ta' inċident fatali li jwassal għall-mewt tal-vittma, il-Qorti tqis li l-grad ta' diżabilità soffert ikun ta' 100%. F'dan il-każ, il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Turner et *vs.* Agius et**[59], mhux l-inqas minħabba li l-fatti ta' dak il-każ huma prattikament identiċi għal dawk tal-każ in eżami, imma minħabba fid-diversi konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell f'dik il-kawża, li din il-Qorti tqis li huma validissimi u li għandhom jiġu applikati għaċ-ċirkostanzi odjerni, tant li din il-Qorti tqis li għandha tagħmilhom tagħha. Fis-sentenza preċitata il-Qorti tal-Appell qalet:

---

[55] P.A. 21.06.2018 (mhux appellata).

[56] L-inċident in kwistjoni seħħ f'Diċembru tas-sena 2013, u għalhekk il-Qorti straħet fuq id-dikjarazzjoni tal-FS3 għal dik is-sena sabiex tistabbilixxi l-paga bażika li kellu l-vittma.

[57] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[58] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) / 5 = 0.96%}.

[59] Q.A. 28.11.2003.

"Għall-finijiet tal-prinċipju tad-*dependency* hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.

L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom*, 'The Quantum of Damages',* jgħidu: *Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller.*

Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi dejjem aċċettaw il-prinċipju illi f'każ ta' mewt ta' ġuvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-diżgrazzja l-atturi ma kinux jiddependu minn binhom għandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jiġu kkalkolati d-danni – Dan it-tnaqqis, għalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jiġi ġeneralment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50%.

L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-**konsum personali**. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni.

Kif intqal mill-Imħallef Wrangham fil-kawża **Piggott *vs.* Fancy Wood Products** (31/01/1958), *The question which I have to determine, is what financial loss the father and mother of this young man have suffered by reason of his death. If I were allowed to award damages to them that could in any way compensate them for what they have suffered, the damages would be very large indeed. Nothing that I am about to say is intended for a moment to suggest that their loss is not one beyond assessment, but I am not concerned with their real loss at all – I am only concerned with the question: How much in mere hard cash, or rather in the prospect of hard cash in the future, can they be said to have lost?"*

Hawnhekk il-Qorti tqis li apparti li trid tagħmel tnaqqis ta' 20% fil-kumpens li ser jiġi likwidat favur l-atturi abbażi tal-fatt li l-ħlas tad-danni ser isir f'pagament ta' darba (*lump sum payment*)[60], għandu jkun hemm ukoll tnaqqis ieħor tenut kont tal-fatt li Karl Fenech ma kienx kap ta' familja, iżda kien iben u ħu l-atturi, u għalhekk il-grad ta' dipendenza relattiva tal-atturi fuqu seta' jitnaqqas f'xi data futura in vista tal-probabbilità li dan il-ġuvni jiżżewweġ u jieħu l-istat tiegħu. Madanakollu l-Qorti ma tqisx li għandu jkun hemm tnaqqis ta' aktar minn 50% għal dan l-iskop. Huwa normali wkoll f'każijiet simili, li jkun hemm tnaqqis ieħor ta' 25% rappreżentanti l-konsum li persuna kienet tkun mistennija li tagħmel tul ħajjitha minn dak kollu li taqla'.

Is-salarju medju ta' €14,170.24 x *multiplier* ta' 25, x 100% diżabilità sofferta, iwasslu għaċ-ċifra ta' €354,256, li meta tiġi mnaqqsa b'20% (*lump sum payment),* tiġi €283,404.80, u meta dan l-ammont jiġi mnaqqas b'50% (grad ta' dipendenza tal-eredi), jammonta għal €141,702.40, u dan l-ammont meta jiġi mnaqqas b'25% (konsum personali), iwassal għas-somma ta' **€106,276.80**.

Il-Qorti qieset ukoll it-talba tal-atturi għal likwidazzjoni ta' danni morali allegatament sofferti minnhom minħabba f'dawk li huma rreferew għalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, bħala indinjazzjoni kkawżati minn qlajjiet imxerrda mill-konvenuta jew minn persuni viċin tagħha, kif ukoll minħabba li d-danni kkawżati lilhom huma kkaġunati minn reat. Il-Qorti kkunsidrat li din il-pretensjoni tal-atturi tpoġġiet f'nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnhom proprju fl-aħħar stadju tas-smigħ ta' din il-kawża, u ma setgħetx

[60] Fis-sentenza fl-ismijiet **Scicluna vs. Meilaq,** P.A. 16.07.2001, il-Qorti ikkonkludiet illi, "[l]-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minħabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti għal 20% meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-sentenza finali." Fil-kawża **Caruana vs Camilleri,** P.A. 05.10.1993, il-Qorti qieset li dan it-tnaqqis għandu jonqos bi 2% għal kull sena ta' dewmien, għalkemm m'għandu jkun hemm ebda tnaqqis bħal dan jekk id-danneġġjat ma jkollu l-ebda ħtija fid-dewmien ta' kawża. Il-Qorti qieset li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda dewmien li jista' jiġi attribwit lil xi parti jew oħra, u għaldaqstant l-20% mhux ser jiġu mnaqqsin.

kienet tifforma parti mit-talbiet stante li kien biss aktar kmieni din is-sena li l-liġi nbidlet sabiex tat fakoltà lill-Qrati tagħna jużaw id-diskrezzjoni tagħhom sabiex jillikwidaw danni morali. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li din il-liġi ma kinitx maħsuba biex ikollha effett retroattiv, u barra minn hekk l-emenda oriġinali għall-artikolu 1045 tal-Kap. 12 permezz tal-Att Numru XIII tal-2018 li introduċiet fl-ordinament ġuridiku tagħna b'mod pjuttost wiegħsa ħafna il-kunċett ta' danni morali[61], ġiet sussegwentement emendata bl-Att Numru XXXII tal-2018, fejn il-liġi issa qiegħda tagħmilha ċara li m'għandhomx jiġu akkordati danni morali u jew psikoloġiċi fir-rigward ta' reati involontarji.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi, u tiddikjara illi l-konvenuta Dulcinea Estella Micallef hija unikament responsabbli għall-inċident stradali illi seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2013 fi Vjal il-Labour, Naxxar, fejn Karl Fenech, illi tiegħu l-atturi huma l-werrieta skont il-liġi, safa mtajjar mill-vettura tal-għamla 'Toyota Vitz', bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DUL-513' li kienet misjuqa mill-istess konvenuta, b'riżultat ta' liema inċident l-imsemmi Karl Fenech tilef ħajtu;**

[61] Ara l-proviżo li ġie miżjud għall-artikolu 1045 tal-Kap. 16 li kien jgħid: "Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara."

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' mija u sitt elef, mitejn u sitta u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€106,276.80);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.